**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 38 – IT-TNEJN, 28 TA' MEJJU 2012 FIS-5:40PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 37**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur David Dalli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 64**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Saret diskussjoni rigward it-talba mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u mill-i*Speech Therapy Unit* biex jiġu allokati Kamra fl-Uffiċċju tal-Kunsill l-ġdid li qed jiġi propost fi Ġnien Karin Grech. Ġie deċiż li din it-talba tiġi diskussa aktar 'il quddiem.

3.2 Saret diskussjoni rigward ir-risposta negattiva mit-TM rigward talba mill-Kunsill biex parti mill-bankina fi Triq R Caruana Dingli tidjieq biex titwessa' t-triq. Ġie deċiż li jintbagħat appell fuq din id-deċiżjoni.

3.3 Saret diskussjoni rigward it-talba tal-Onor Leo Brincat biex jerġgħu jiġu introddotti l-iskips tal-iskart imħallat f'San Ġwann. Ġie deċiż li r-risposta

għandha tkun li d-deċiżjoni li jitneħħew l-iskips kienet waħda unanima u r-raġunijiet kienu li minħabba li l-lokalitajiet tal-madwar kienu neħħewhom, kien qed ikun hemm ħafna nies minn barra l-lokal jiġu jarmu f'San Ġwann, b'konsegwenza li kien qed ikollna *tipping fees* għolja, ħafna ħmieġ madwar dawn l-iskips u ħafna abbuż. Il-Kunsill b'mod unanimu ukoll qabel li t-tneħħija ta' dawn l-iskips ġabu aktar indafa madwar il-lokal.

3.4 Il-Kunsill irċieva pagament ta' 9769 Ewro mill-Kumitat Konġunt.

3.5 Il-Kunsill ġie infurmat li s-Sindku kellu laqgħa mal-Perit tal-Kunsill rigward Triq l-Ispika. Hawn is-Sindku ppropona li s-*soft area* f'din it-triq tiddejjaq u huwa ikkalkulat li jiżdied il-parkeġġ b'xi 30 karozza. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda din il-proposta. Kien hemm qbil fil-prinċipju u għandha terġa' tiġi diskussa din, meta jkollna l-istima tal-Perit.

3.6 Is-Sinjura Violet Bajada ipproponiet li tiżdied il-ħamrija fi Ġnien Karin Grech minħabba li hemm partijiet li m'hemmx biżżejjed. L-istima tal-ELC ammontat għal 464 Ewro +VAT. Is-Sinjura Marica Bayliss irrimarkat li dan ser ikun flus fil-ħela minħabba li meta jibda x-xogħol f'dan il-ġnien, dan kollu jiġi mneħħi. Is-Sinjura Rita Saliba issekondat il-proposta. Kien hemm 4 favur (Violet Bajada, Rita Saliba, Joan Farrugia u Anthony Mifsud Bonnici) u 5 kontra (Etienne Bonello Du Puis, David Dalli, Marica Bayliss, Neville Mallia u Mikhail Micallef). Il-proposta m'għaddietx.

3.7 Il-Kunsill ġie infurmat li l-*Management Letter* waslet u min irid jista' jieħu kopja tagħha.

## 4 Affarjiet Oħra

4.1 Is-Sinjura Rita Saliba ipproponiet li jsir *double yellow line* fi Triq Anton Inglott kantuniera ma' Triq R Caruana Dingli, li jsir xi ħaga f'parti mill-bankina fi Triq San Ġwann tal-Għorgħar minħabba li tiżloq ħafna u hemm bżonn isir xogħol ta' manutenzjoni fuq ċnut fi Triq Fresja. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ippropona li ssir mill-ġdid parti minn bankina fi Triq San Mikiel. Ġie deċiż li ssir *site visit*.

4.3 Is-Sinjura Violet Bajada irrimarkat li l-firroli fil-gradi ġo Ġnien Karin Grech ġew tajbin ħafna, imma hemm nies li qed iħalluhom miftuħin. Is-Sinjura Bajada ipproponiet li jitneħħew l-istrutturi forma ta' żwiemel mill-bandli ta' Ġnien Karin Ġrech minħabba li huma mingħajr użu. Dawn m'għandhomx jiġu *replaced* b'xi ħaġa oħra minħabba li dalwaqt se jibda x-xogħol fuq dan il-ġnien u dan ikun ħela ta' flus. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm 7 favur u 2 astensjoni.

4.3.1 Is-Sinjura Violet Bajada ipproponiet li tintalab stima għal *gazebo* għas-*soft area* li tinsab fi Triq R. Caruana Dingli. Is-Sinjura Violet Bajada ipproponiet ukoll li jiġi provdut mill-Kunsill, transport darba fil-ġimgħa, għal Raħal il-Ġdid biex residenti jmorru għall-*keep fit*. Kien hemm 4 favur u 5 kontra.

4.4 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex tintbagħat *reminder* lil TM rigward talba għal *reserved parking* għall-użu tal-Kunsill waqt id-*Day Centre* fi Triq il-Kappella. Is-Sinjura Farrugia ipproponiet li tintbagħat ittra lil TM ukoll rigward problemi ta' parkeġġ fi Triq Agostino Matrenza u x'soluzzjoni tista' tinsab. Kien hemm qbil unanimu.

4.5 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li ssir talba li *Camray* biex il-Kunsill jixtri l-materjal biex issir funtana u Madonna f'Misraħ Awrekarja u l-*Camray* jagħmlulna ix-xogħol huma. L-istima għal dan il-materjal ġie ppreżentat fuq il-mejda. Għandha terġa' tiġi diskussa wara li l-Kunsill jirċievi risposta mingħand il-*Camray*.

4.6 Is-Sur Neville Mallia ippropona li jiġu mwaħħla tabelli, li hemm nieqsa, tal-40 *minute parking* fi Triq in-Naxxar, kif ukoll *bollard* fi Triq John F Marks kantuniera ma' Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil unanimu. Hu irrimarka li qed ikun hemm ħafna karozzi għall-bejgħ fi Triq Bella Vista u li hemm *obstructions* fis-*service road* ta' Triq tal-Balal. Is-Segretarju informa li l-pulizija huma infurmati b'dawn u ser jieħdu passi. Hu irrimarka ukoll li hemm ħafna riklami fit-toroq. Ġie deċiż li jiġbor lista ta' dawn ir-reklami u jibagħat ittra lilhom biex jiġu regolarizzati.

4.7 Is-Sur David Dalli staqsa jekk hemmx *log book* għall-vettura tal-Kunsill. Dan għandu jsir. Talab li din il-vettura tiġi maħsula regolari. Hu talab ukoll servizzi ta' *green warden* fil-5 ta' filgħodu. Kien hemm qbil unanimu.

4.8 Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li l-Kunsill jagħti appoġġ, mhux finanzjarju, l-iscouts ta' San Ġwann biex dawn jakkwistaw *premises* oħra. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**5 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 11 ta' Ġunju 2012 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**